MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 1315/2000/1

**Emmanuel Bonello bhala Kontrollur ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited (BICAL) u b'nota tat-12 ta' Frar 2003, Raymond Gatt bhala wiehed mill-partners ta' "Gatt, Galea & Co", qed jassumi l-atti tal-kawza minflok il-Kontrollur precedenti Emanuel A. Bonello**

**v.**

**Ernest Gaffiero**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenut ghall-fini ta' riforma ta' sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Gunju 2005, fl-kawza fl-ismijiet premessi u dan billi

din il-Qorti qeghda tigi mitluba li thassar il-kap ta' l-ispejjez minn kif hemm deciz u, minflok, tiddeciedi, li l-ispejjez ta' l-ewwel istanza (jew parti minnhom) ghandhom ikunu sopportati mill-attur nomine, bl-ispejjez ta' dina l-istanza kontra l-attur appellant nomine.

2. In risposta, l-attur nomine appellat wiegeb illi s-sentenza hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell intavolat ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant. Is-sentenza appellata qed tigi annessa ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

<u>**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**</u>

3. Din il-Qorti wara li ezaminat akkuratament l-atti kollha tal-kawza flimkien mas-sottomissjonijiet kemm ta' naha u kemm ta' ohra hija tal-fehma li l-aggravju tal-konvenut - wiehed limitat ghall-kap ta' l-ispejjez - huwa fondat u l-appell tieghu jimmerita ghalhekk li jigi akkolt u dan ghar-ragunijiet li ser jinghataw.

4. Jirrizulta li originarjament it-talba attrici kienet ghas-somma bilancjali ta' Lm4,655.44c6m. Il-konvenut ressaq fl-ewwel lok eccezzjoni preliminari, tnejn biex wiehed ikun aktar ezatt, dwar preskrizzjoni, li gew it-tnejn respinti b'sentenza *in parte* moghtija fit-2 ta' Mejju, 2002. Minn din is-sentenza ma sarx appell. Fil-mertu mbaghad il-konvenut eccepixxa wkoll li hu ma kienx ghad baqaghlu <u>ebda pendenza</u> mal-Bank of Industry, Commerce and Agricultrure (BICAL) u ghalhekk, f'kull kaz, xejn ma kien dovut lill-appellat nomine.

5. Fil-mori tal-kawza pero` jirrizulta li tassew kien sar pagament akkont u fil-fatt l-ewwel Qorti, b'rikonoxximent ovvju ta' dan il-hlas akkont, naqqset is-sorte minn kif reklamati mill-attur appellat, b'dan li finalment ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm2,655.45c, bl-interessi legali ta' tmienja fil-mija (8%) sal-hlas effettiv. Dwar il-kap ta' l-ispejjez, l-ewwel Qorti ddecidiet li,
"L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi, jithallsu xorta wahda kollha mill-konvenut."

6. Fil-fehma tal-Qorti, meta l-Qorti ta' l-ewwel grad adoperat il-kliem "fic-cirkustanzi" u "xorta wahda", dan il-kliem inghad espressament biex dik il-Qorti turi li hija kienet hadet kont tal-possibilita` li jkun hemm xi temperament fil-kap ta' l-ispejjez imma, cio` nonostante, dehrilha li dan ma kienx opportun. Din il-Qorti, wara li qieset kollox, u ghalkemm normalment hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti f'materja simili jekk mhux ghal xi raguni gravi, jidhrilha li dan huwa proprju kaz fejn l-intervent taghha - imqar jekk marginalment - huwa doveruz. Huwa minnu li l-konvenut ghamel dak kollu li legalment seta' jaghmel biex jopponi u jirrezisti ghat-talba attrici, imma ghandu jinghad ukoll li t-talba attrici minn kif originarjament dedotta fl-att tac-citazzjoni giet ridotta lejn qrib in-nofs ta' l-ammont mitlub. Huwa minnu li l-eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni gew it-tnejn respinti imma lanqas ma kien hemm raguni 'l ghala il-bank attur kif rapprezentat qaghad jiehu daqstant zmien biex jagixxi kontra l-konvenut. Aktar ta' riljev imbaghad huwa l-fatt li originarjament l-attur nomine talab minghand il-konvenut l-ammont ta' Lm4,655.44c6 biex fil-kors tal-kawza gie kkonfermat li kien sar hlas akkont ta' Lm2,000, li finalment wassal ghal riduzzjoni sostanzjali tas-sorte. Minn ezami ta' l-atti jirrizulta li min-naha tieghu l-attur nomine baqa' jippretendi hlas *intier* tas-sorte, u kienet tramite d-decizjoni emessa mill-ewwel Qorti fil-mertu li huwa kellu jbaxxi rasu u jaccetta li s-sorte kellhom ikunu f'ammont inferjuri minn dak li talab. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti taqbel mal-konvenut li rifless gust ta' dan kollu kellu jissarraf f'temperament xieraq fl-ispartizzjoni tal-kap ta' l-ispejjez, imqar jekk mhux fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez intier kif hemm imnizzel f'parti mit-talba tal-konvenut fir-rikors ta' appell tieghu (ara fol. 89). Biex ikun inghad kollox, l-appellant zied, tra parentesi, li huwa jikkontempla wkoll il-possibilita` fit-talba tieghu, ghal fini ta' riforma tal-kap ta' l-ispejjez minn kif deciz, li almenu parti minnhom kellhom jigu sopportati mill-kontro-parti attrici. Deher evidenti li l-ewwel Qorti ma harsitx b'simpatija lejn l-oppozizzjoni "akkanita" sollevata mill-konvenut. Jibqa' pero` l-fatt li *in ultima analisi*, il-konvenut kellu ragun in parti, u li dan kellu jigi rifless debitament fl-ispartizzjoni tal-

kap ta' l-ispejjez.  Din il-Qorti tenut kont tas-suespost, jidhrilha li ghal dak li jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjez kwantu ghall-ewwel istanza dawn kellhom jigu spartiti hekk: sebghin fil-mija (70%) jithallsu mill-konvenut u tletin fil-mija (30%) mill-attur nomine.  Isegwi ghalhekk li l-aggravju tal-konvenut ghall-fini ta' riforma *in parte* tas-sentenza appellata u riferibbilment biss ghall-kap ta' l-ispejjez huwa fondat u l-appell tieghu qieghed jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-konvenut fis-sens illi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata kwantu ghall-mertu, tirriforma dik il-parti biss relativa ghall-kap ta' l-ispejjez u dan billi tirrevoka dik il-parti u tikkundanna, minflok, lill-konvenut ihallas sebghin fil-mija (70%) ta' l-ispejjez ta' l-ewwel istanza u r-rimanenti tletin fil-mija (30%) jithallsu mill-attur nomine.

Fic-cirkostanzi, tordna li l-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu unikament mill-attur nomine appellat.

Deputat Registratur
Mgc

**<u>Anness "A"</u>**

Kopja tas-sentenza moghitja mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Gunju 2006, qieghda tigi annessa ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------